



Brussell, 9 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

15233/22

CFSP/PESC 1600  
CSDP/PSDC 816  
EUMC 416  
COAFR 349  
EUTM SOMALIA 11  
EUCAP SOMALIA 13  
PSC DEC 51

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2022)

---

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU  
U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/...**

**ta'...**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni  
tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)  
(EUCAP Somalia/1/2022)**

**IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċitā fis-Somalja (EUCAP Somalia), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-7 ta' Diċembru 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2210<sup>1</sup> li testendi l-mandat tas-Sur Christopher REYNOLDS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Fi ... 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/...<sup>2+</sup> li testendi l-mandat ta' EUCAP Somalia sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (4) Fis-17 ta' Novembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP Somalia mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2210 tas-7 ta' Diċembru 2021 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċitā fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2021) (ĠU L 447, 14.12.2021, p.3).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċitā fis-Somalja (EUCAP Somalia). (OJ L ..., ..., p....).

<sup>+</sup> ĠU:Jekk jogħġbok daħħal id-dettalji ta' adozzjoni u pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument Nru ST14893/22.

*Artikolu 1*

Is-Sur Kauko AALTOMAA huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċitā fis-Somalja (EUCAP Somalia) mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fī Brussell, ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà  
Il-President*